Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Frar 2024**
**(OR. en)**

**6007/24**

**PECHE 45**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Guinea-Bissau dwar protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau<br>- Adozzjoni |

1. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat ir-rakkomandazzjoni ta' hawn fuq lill-Kunsill fis-17 ta' Jannar 2024[1].

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina r-rakkomandazzjoni fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Jannar 2024. Il-kompromess tal-Presidenza[2] ġie approvat fil-Grupp ta' Ħidma fil-25 ta' Jannar 2024.

3. Konsegwentement, il-COREPER huwa mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma u jissuġġerixxi li l-Kunsill, f'laqgħa li jmiss:

   - jadotta d-Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati kif tinsab fid-dokument 5886/23 (kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti), u jaqbel mad-direttivi ta' negozjati kif jinsabu fid-dokument 5607/24 ADD 1;
   - jiddeċiedi li ma jippubblikax id-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 17(2)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;

[1] Id-dokumenti 5378/24 + ADD 1. L-evalwazzjoni tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-UE u l-Guinea-Bissau waslet ukoll fis-17 ta' Jannar 2024 (ara d-dokumenti 5378/24 ADD 2 + ADD 3).

[2] Id-dokument 5607/24 + ADD1

- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u għalhekk ser tintbagħat kopja stampata tad-Deċiżjoni li tinkludi d-direttivi ta' negozjati lill-Parlament; u
- jdaħħal id-dikjarazzjoni fl-Addendum għal din in-nota fil-minuti tal-Kunsill.